MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 68/2007

Kawza fil-lista: 18

**A B**

**vs**

**C D**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**

Rat ir-rikors guramentat, ipprezentat mill-attur A B li permezz tieghu wara li ppremetta:

1. Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg fil-2 ta' Settembru 2003;

2. Illi l-kunsens tal-esponenti inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixxkel serjament il-hajja mizzewwga;

3. Illi l-kunsens tal-intimata kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-kontendenti li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

4. Illi l-kunsens tal-esponent inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

5. Illi l-esponent ghalkemm ma kienx interdett jew marid b'mohhu ma kellux fiz-zmien li sar iz-zwieg ukoll minhabba raguni temporaneja, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza biex iz-zwieg ezistenti bejn il-kontendenti jigi dikjarat null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Talab il-Qorti sabiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg celebrat bejn il-partijiet, kif fuq riferit huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuta, ingunta ghas-subizzjoni."

Rat li l-konvenuta notifikata fit-18 ta' Frar 2014 bil-mezz tal-affissjoni u fit-8 ta' April 2014 bil-mezz tal-pubblikazzjoni, baqghet ma pprezentat l-ebda risposta guramentata.

Rat l-affidavits tal-attur[1] u semghet ix-xhud viva voce[2]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur[3];

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat

**Provi**

Bhala provi in sostenn tat-talba tieghu l-attur ipprezenta l-affidavit tieghu stess u dawk ta' erbghat ihbieb tieghu li kienu vicin tieghu kemm qabel u kemm wara iz-zwieg; xehed ukoll viva voce.

**L-attur** jispjega li meta kellu wiehed u ghoxrien sena iltaqa' mal-konvenuta u kien iggennen fuqha, jghid hekk: "*billi kienet helwa hafna u kienet anke dhulija hafna .........kienet imlietli mohhi li missierha kien negozjant sinjur u li kien bihsiebu jiftah negozju f'Malta u kienet weghditni li missierha jdahhalni mal-kumpanija tieghu jekk nizzewwgu.'* Sabiex ikun komdu, jghid li fic-cirkostanzi *'ghalkemm jiena qatt ma hlomt biss li nizzewweg pero' tant kont ippressat minnha biex niehu dan il-pass, li bhala persuna immatura, fl-ahhar accettajt li nizzewwigha.'* Din id-decizjoni hadha, mhux ghax kien ihoss li jhobbha imma ghax kien *'imhajjar ghaliha sesswalment'* u ghaliha *'is-sess kellu jsir wara z-zwieg.'* Injora t-twissija ta' shabu sabiex *'ma jghaggilx li ma tmurx qed tinqeda bija biex toqghod Malta'* u ukoll peress li dak iz-zmien ma kienx ikellem lill-genituri tieghu jghid li *'ma kelli lil hadd mill-familja li seta' jmexxini.'*

Ha id-decizjoni u tlett xhur wara li iltaqa' maghha izzewwgu bir-Registru; Kellhom biss mitejn u hamsin liri Maltin f'idejhom u ghalkemm il-konvenuta kellha flat zghir Bugibba kienu ddecidew li jmorru jirresjedu f'post fejn kien joqghod hu.

[1] Fol. 18
[2] Fol. 40
[3] Fol. 73

Jghid li *'Malli izzewwigna ollox beda jitbiddel malajr.'* Mill-ewwel lejl bdiet iggieb l-iskuzi meta kien javvicinaha, bdiet tohrog fil-ghodu ma'shabha u tidhold tard il-ghaxija; *'Ma kienet taghmel xejn fid-dar. Ma kinitx issjjar..........Lanqas kienet tahsilli l-hwejjeg.....Hi qatt ma kienet tiekol id-dar.'* Beda jkollhom hafna argumenti u glied tant li bdiet torqod fil-living room u glied irrizultaw li *marret torqod fil-living room.* Fl-ahhar qaltlu sabiex ma jkellimiex aktar.

Xaghrejn biss wara iz-zwieg il-konvenuta qabdet hwejjigha u l-affarijiet kollha taghha u telqet. L-attur jghid li wara cemplet u qaltlu li '*bejnietna ma kien hemm xejn u qaltli biex ninsiha u biex ma infittixhiex.'* Jistqarr li kien xokk ghalih dan ghax kien dejjem qed jispera li titbiddel. Mar ifittixha l-post fejn kienet toqghod qabel iz-zwieg imma qalulu li kienet marret tghix banda ohra. *'Kienet anke biddlet in-numru tal-mobile.........Iz-zmien beda ghaddej u qatt ma regghet cemplitli.........qatt ma ghamlet kuntatt mieghi.'*

L-attur xhed illi l-konvenuta *'baqghet dhulija mieghi sakemm izzewwigna'........Din il-mara kienet inqdiet biex toqghod Malta u kien ghalhekk li wara li zzewwigna kienet telqitni billi kienet lahqet l-iskop taghha.*

*'Jiena sallum ma nafx x'sar minnha'*

**Jean Paul Magri**, habib kbir ta' l-attur, fl-affidavit tieghu[4] jghid li '*Trabbew flimkien u wara li kbirna qbajna hbieb u dejjem inkunu flimkien u ghalhekk jiena naf ezatt x'gara meta izzewweg lil tfajla Marokkina.'* Jiddiskrivi lill-attur *'bhali ma kellux esperienza mat-tfajliet u billi kienet tfajla helwa hafna kien isu iffissa fiha.'* Kien semma lill-konvenuta thajjar lill-attur biex jizzewwgu u li missierha *kien ser jigi Malta biex jiftah kumpanija u li missierha kien ser jimpiega lill-attur ma' din il-kumpannija wara li jizzewwgu'* Meta hu u shabu irrealizzaw li l-attur beda jithajjar li jizzewweg bis-serjeta *kienu widdbuh biex joqghod attent ghax il-barranin gieli jizzewwgu lill-Maltin biex jibqghu joqghodu Malta biex jahdmu hawnhekk.'* Jghid li l-attur izzewweg peress li gie nfluenzat mill-weghdi ta din it-tfajla, mill-fatt li jkollu tfajla sabiha u li jkollu l-flus fil-but minghajr tbatija. Wara iz-zwieg *'A kien jghidli li kellu l-inkwiet maghha ghaxq isha ma kinitx riedet taf bih, meta qabel iz-zwieg kienet kollha kumplimenti u kliem sbieh. Kien qalli li ma kinitx qed thallih li jkollu x'jaqsam maghha, li kienet dejjem tigri barra u li kienet tigi lura d-dar tard fil-ghaxija. Kien jghid ukoll li ma kinitx tiehu hsieb id-dar u lanqas kienet issajjar jew tahsel il-hwejjeg ta' A.'*

[4] Fol. 21-22

**David Borg**, habib iehor ta' l-attur jixhed permezz ta' affidavit[5] jghid li l-attur kien irrakkontalu kif hu u l-konvenuta qishom ma kienux mizzewgin peress li qatt ma kienu jkunu intimi ma' xulxin. Darba minnhom kien qallu li l-konvenuta kienet qabdet u telqet mid-dar u m'ghadiex toqghod mieghu.

**Marvin Lanzon** fl-affidavit tieghu[6] jghid li ghalkemm kien hdax-il sena akbar mill-attur kien ilu jafu minn mindu kienu zghar u baqghu hbieb sallum. Jghid li anke hu kien wissih sabiex joqghod attent mill-barranin '*li ma tmurx tghaddih biz-zmien......Imma donnu A kien jemmen kull ma tghidlu din it-tfajla u ftit kien deher li qed jaghti kasi.............Xi xaghrejn wara li A kien iltaqa' mal-Marokkina kien iddecieda li jaccetta li jizzewwigha ghax hija kienet dejjem tippressah biex jizzewwigha. Jiena u shabi konna qbajna mistghagbin billi A zgur ma kienx ippreparat ghaz-zwieg. Jiena u hbieb ohra tieghu konna wissejnieh li qed ighaggel wisq imma hu ma riedx jisma'.*

Xhud iehor **A Grima** jikkorrobra x-xhieda moghtija aktar qabel.

## L-Azzjoni

L-attur fil-premessi tieghu qieghed jitlob li z-zwieg tieghu mal-konvenuta jigi dikjarat null. L-attur isejjes il-kawza minnu ntavola fuq diversi premessi: i) il-kunsens tieghu ghal dan iz-zwieg inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixxkel serjament il-hajja mizzewwga; ii) il-kunsens tal-intimata kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-kontendenti li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg; iii) il-kunsens tal-attur inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg; u iv) ghalkemm l-attur ma kienx interdett jew marid b'mohhu ma kellux fiz-zmien li sar iz-zwieg ukoll minhabba raguni temporaneja, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

**KONTUMACJA TAL-KONVENUTA**.

[5] Fol. 23
[6] Fol. 24

Il-konvenuta fil-kawza odjerna ma pprezentatx risposta guramentata u ghalhekk waqghet kontumaci. Kif gie dikjarat mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kawza ta’ annullament taz-zwieg “**Pierina Micallef vs. Amor Bentanfous”** deciza fid-9 ta’ Dicembru 2002 fejn il-konvenut baqa’ kontumaci:-

“Nonostante li gie debitament notifikat il-konvenut baqa' kontumaci. Dan ma jfissirx li l-Qorti tista' tghaddi 'l quddiem biex tilqa' t-talba attrici izda jinkombi b'dover fuqha illi tassikura li jezistu tabilhaqq ragunijet serji u validi biex iwaqqghu l-kuntratt ta' zwieg bejn ilkontendenti, anke jekk skond l-iskop u spirtu tal-ligi, il-Qorti ser tikkonsidrah mill-ottika civili biss ("**Farrugia -vs- Farrugia**", Appell Civili, 28 ta' Lulju 1987; "**Spiteri -vs- Spiteri**", Appell Civili, 9 ta' Frar 2001);

Dan qed jigi sottlinejat in kwantu anke f'materja civili hu principju kardinali illi l-kuntratti jridu jigu mantenuti u mharsa billi dan hu ta' interess generali u principju ta' ordni pubbliku.

Dan ifisser illi huwa imperattiv, fejn ikollok pretiza ta' impunjattiva ta' kuntratt, illi wiehed jipprocedi b'cirkospezzjoni massima biex ma jigix imhassar jew annullat att meta dan, invece, jimmerita li jibqa' in vigore;”

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

Il-Qorti ser titratta il-kawzali imsejjes fuq l-Artikolu 19 sub-inciz (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi hekk:

***“19. (1) B’żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta’ dan l-Att, żwieġ ikun null:***

***- omissis –***

***(f) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ;***

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar 2006 fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Bernardette Zammit** gie dikjarat hekk:

"Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fundamentali fil-ligi civili, u cjoe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti tal-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni, u cjoe' li z-zwieg huwa null ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega………….Rigward id-disposizzjoni kontenuta fis-sub-inciz (f) fuq imsemmi biex dan id-difett ikun jirrizulta jkun jehtieg li jigi ppruvat sodisfacentement li z-zewg partijiet jew wahda minnhom fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iz-zwieg innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg u din l-eskluzzjoni tkun saret b'att pozittiv tal-volonta ta' dik il-parti."

Dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm kien ser jippartecipa fic-certimonja taz-zwieg huwa kien qieghed jeskludi jew iz-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart FRancis Attard vs Francis Attard"** **(**Prima' Awla **-** ta' Marzu 2000**)** inghad:

*"Il-kunsens taz-zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma' persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma' dik il-persuna u bejniethom jikkreja shubija fejn jaghtu lilhom infushom lil xulxin,"*

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wahda mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti kunsens validu ghaz-zwieg, pero bl-atti tieghu qabel u fil-bqija tal-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga...........jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskluda xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga..."*

Riportat dan it-taghlim ghall-kaz odjern, din il-Qorti hija tal-fehma li l-kunsens tal-konvenuta fil-mument tal-kuntrattazzjoni taz-zwieg tal-partijiet kien simulat. Huwa evidenti illi l-unika skop li kellha l-konvenuta meta resqet ghac-cerimonja taz-zwieg mal-attur ma kienx li tifforma familja mieghu bid-drittijiet u dmirijiet ta' mara mizzewga izda unikament sabiex tottjeni l-permess sabiex tibqa' tabita gewwa Malta. Ezaminati l-provi mill-ottika tas-sub-inciz in dizamina, il-Qorti hija konvinta li ghall-konvenuta dan tal-partijiet kien purament 'zwieg ta' konvenjenza' u xejn aktar.

Fil-kaz in ezami, il-Qorti ssib mill-provi mressqa, mhux kontradetti, li f'din il-kawza l-attur meta ta il-kunsens tieghu kien imqarraq mill-intimata. Id-decizzjoni li jizzewgu ittiehdet meta l-partijiet kienu ilhom biss tlett xhur li iltaqghu ghall-ewwel darba. Jirrizulta illi mill-ewwel jum li l-attur iltaqa' mal-konvenuta zviluppat fih infatwazzjoni qawwija tant li kien iffissa fuqha u riedha akkost ta' kollox. L-intimata minn naha taghha kienet tirrezisti l-avvanzi tal-attur u kienet tirrifjuta li tkun intima mieghu qabel iz-zwieg. Kienet tghid lill-attur illi t-twemmin religjuz taghha ma kienx jippermettilha dan. F'dawn ic-cirkostanzi bdiet thajjru sabiex jizzewweg u '*geghlitu jemmen li missierha kien sinjur u li l-attur seta' jgawdi finanzjarjament u li jghix hajja komda meta missierha jinvesti flusu f' Malta wara li l-koppja tizzewweg.*'

L-attur, kontra kull parir li kellu minn dawk ta' madwaru li kienu qed jaraw fil-konvenuta pjan sabiex tottjeni permess permanenti sabiex tirrisjedi hawn Malta, iddecieda li f'qasir zmien jizzewweg lill-konvenuta.

Izzewgu u marru joqghodu fl-apartament tal-konvenut. Il-konvenut xhed illi mill-ewwel jum tal-hajja mizzewga taghhom il-konvenuta inbidlet mil-lejl ghan-nhar ghax l-intimata baqghet tgawdi il-liberta' taghha - tohrog ma' shabha -, ma kienetx isajjar jew tiehu id-dar, irrifjutat mill-ewwel l-intimita' ma' zewgha. Wara biss ftit xhur il-konvenuta abbandunat id-dar matrimonjali u qatghet kull kuntatt mal-attur.

Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li l-kunsens tal-attur kien ottenut b'qerq adoperat mill-konvenuta. Mill-provi imressqa jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi l-uniku skop li l-konvenuta kellha meta tat il-kunsens taghha ghaz-zwieg impunjat ma kienx li tikkondividi hajja matrimonjali mal-attur izda unikament sabiex tottjeni l-permess permanenti li tirrisjedi hawn Malta.in kwantu fil-mument li l-partijiet resqu ghac-cerimonja taz-zwieg l-attur kien minghalih li l-konvenuta hija mara tad-dar, lesta li tistabilixxi hajja mizzewga mieghu u bl-ghajnuna ta' missierha ikunu f'posizzjoni finanzjarja ahjar. Tali kwalita' fil-konvenuta

irrizultat li kienet falza bil-konsegwenza li l-kunsens tal-attur kien vizzjat u ghalhekk iz-zwieg celebrat mill-partijiet huwa null u bla effett.

Il-fatt li dan iz-zwieg falla fl-ewwel jiem li gie celebrat jikkonsolida l-fehma tal-Qorti li l-kunsens tal-konvenuta kien simulat ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f).

Ghaldaqstant il-Qorti qed issib li z-zwieg celebrat bejn il-partijeit huwa null peress li jirrizulta li fil-mument li z-zwieg impunjat kien qed jigi celebrat il-konvenuta kienet qed teskludi diversi elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Stabbilit li z-zwieg ta’ bejn il-partijiet huwa null ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta, mhux mehtieg li l-Qorti tindaga wkoll il-kawzali msejsa fuq iz-zewg sub-incizi l-ohra tal-istess artikolu tal-ligi.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici,

1. Tiddikjara illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-2 ta' Settembru 2003 huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ai termini ta' l-Artikolu 19 sub-inciz (1) (f) tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap 255) ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------